MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT DR.
## MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Bernard Zarb)**

**vs**

**Herman Gatt ta' 20 sena, iben George u Victoria nee Camilleri, mwieled Pieta', fl-04/03/1982 u residenti 'Victoria', 27, Triq l-Imdina, Naxxar, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 154182(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Herman Gatt li gie akkuzat talli fid-9 ta' Novembru, 2001 fil-Mosta u fi bnadi ohra madwar dawn il-gzejjer,

B’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b’qerq bi hsara ta’ France Barbara u diversi persuni ohra, dan bi ksur tal-Artikoli 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,
Kellu fil-pussess tieghu, u mexxa biljetti ta’ flus falsifikati, u cioe karta ta’ ghoxrin lira Maltija (serial no: D/8 635665) li kien jaf, jew li ma kienx jaf li kienet iffalsifikata u dan bi ksur ta’ l-artikolu 45 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta’ Malta,
Minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli (liema prova tkun fuq l-akkuzat) xtara jew irceva minghand xi persuna, jew kellu fil-kustodju jew pussess tieghu, biljett tal-flus falsifikat, u cioe ghoxrin lira Maltin, li kien jaf li l-istess kien iffalsifikat u dan bi ksur ta’ l-artikolu 46 tal-kap 206 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema tista’ tinstab htija ta’ l-imputat u cioe:

(a) Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali
(b) Artikolu 45, 46 tal-Kaptilu 204

Rat li l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Ikkonsidrat

Illi din il-kawza tittratta dwar hlas b’karta ta’ ghoxrin Maltija falza li allegatament Herman Gatt suppost hallas b’din l-ghoxrin lira Maltija (Lm20) lil Barbara meta minghandu xtara mobile phone.

Dan huwa fatt ghal kollox negat mill-akkuzat. Anzi mhux talli nnega dan il-fatt, talli meta hu permezz ta’ telefonata minghand Frank Barbara sar jaf b’din l-allegazzjoni mar anke jindaga fuq dak li setgha jaghmel l-ghassa.

Min-naha tieghu Frank Barbara, l-propjetarju tal-hanut minn fejn inxtara minn Gatt il-mobile, xehed li kien cert li Gatt kien hallas b'ghoxrin lira falza ghaliex kien ra dan il-hlas isir fuq video. Mistoqsi ghax kien cert li kien Gatt li kien tah din l-ghoxrin lira, wiegeb ghaliex dakinhar hu biss kien hallas b'Lm 20. Ma kienx pero' Frank Barbara li fil-fatt irceva l-flus minghand Gatt. Fatt stramb iehor hu c-certezza li dan Barbara kellu dwar il-pagamenti li saru matul il-gurnata, meta fil-fatt ma kienx wahdu fil-hanut. Frank Barbara meta xehed anke wera c-certezza tieghu li kien Gatt li tah din l-ghoxrin lira ghaliex kif gie premess, qal li kellu video ta' dan il-fatt, pero' stranament dana l-video ma gie qatt esebit. Mhux talli hekk il-pulizija PC 1133 Joe Borg xehed li fil-fatt hu meta ra l-video dan ma kienx car bizzejjed, fatt dan li huwa konkluz anke fir-rapport tal-pulizija Dok A.

Illi konsiderando dan kollu din l-Qorti thoss li hemm diversi fatturi li jimmilitaw favur l-imputat Gatt, fatturi li kif hawn fuq elenkati jwasslu ghal dak id-dubju ragonevoli li fil-fatt din l-ghoxrin lira zgur falza, sethget waslet fil-pussess ta' Barbara rizultat ta' tranzazzjoni ohra ulterjuri ghal dik ta' l-imputat.

Ghaldaqstant qed ghar-ragunijiet premessi tillibera lil Herman Gatt mill-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------